

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (Euratom) 2023/225

tat-30 ta' Jannar 2023

### dwar l-estensjoni tal-istatus ta' impriża konġunta ta' Hochttemperatur-Kernkraftwerk GmbH

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 49 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni 74/295/Euratom<sup>(1)</sup>, il-Kunsill stabbilixxa lil Hochttemperatur-Kernkraftwerk GmbH (HKG) bħala impriża konġunta għal perjodu ta' 25 sena mill-1 ta' Jannar 1974.
- (2) L-oġġettivi ta' HKG kienu li tibni, tgħammar u topera impjant tal-enerġija nukleari b'kapaċità ta' madwar 300 MWe f'Uentrop (id-distrett ta' Unna) fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.
- (3) Wara li kien ilu jopera mill-1987 sal-1988, l-impjant tal-enerġija nukleari fl-aħħar ingħalaq fl-1 ta' Settembru 1989 minħabba diffikultajiet tekniċi u ekonomiċi.
- (4) Mill-1 ta' Settembru 1989, l-oġġettiv ta' HKG kien li timplimenta programm għad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari sal-istadju li jingħalaq b'mod sikur u, wara, li twettaq programm għas-sorveljanza tal-installazzjonijiet nukleari mdawrin biż-żona magħluqa.
- (5) Bid-Deċiżjoni 2011/362/Euratom<sup>(2)</sup>, il-Kunsill estenda l-istatus ta' HKG bħala impriża konġunta sal-31 ta' Diċembru 2017 sabiex HKG tkun tista' tikkompleta l-programmi ta' dekummissjonar u ta' sorveljanza tagħha, b'mod partikolari bit-tħaffif tal-piż finanzjarju.
- (6) Dak il-perjodu ta' estensjoni kienu jikkorrispondi għat-tul tal-arranġamenti konklużi bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Land tan-Nordrhein-Westfalen, HKG u l-membri tagħha għall-finanzjament tal-attivajiet ta' HKG.
- (7) Bl-ittra tas-7 ta' Ottubru 2021, HKG talbet estensjoni oħra tal-istatus ta' impriża konġunta b'effett retroattiv mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2022, li jikkorrispondi għat-tul tal-arranġamenti ulterjuri konklużi bejn ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Land ta' Nordrhein-Westfalen, HKG u l-membri tagħha għall-finanzjament tal-attivajiet ta' HKG.
- (8) Għaldaqstant l-istatus ta' Impriża Konġunta ta' HKG jenħtieġ li jiġi estiż għall- perjodu mitlub.
- (9) Wara l-31 ta' Diċembru 2022, kwalunkwe estensjoni ulterjuri tal-istatus ta' Impriża Konġunta ta' HKG tkun kundizzjonali fuq il-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal liċenzja ta' dekummissjonar minn HKG,

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 74/295/Euratom tal-4 ta' Ġunju 1974 dwar l-istabiliment tal-Intrapriża Konġunta Hochttemperatur-Kernkraftwerk GmbH (HKG) (ĠU L 165, 20.6.1974, p. 7).

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/362/Euratom tas-17 ta' Ġunju 2011 dwar estensjoni tal-istatus ta' Intrapriża Konġunta ta' Hochttemperatur-Kernkraftwerk GmbH (HKG) ĠU L (ĠU L 163, 23.6.2011, p. 24).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-istatus ta' impriża konġunta, fit-tifsira tat-Trattat, mogħti lil Hochtemperatur-Kernkraftwerk GmbH ("HKG") b'dan qed jiġi estiż għal ħames snin b'effett mill-1 ta' Jannar 2018.
2. L-objettiv ta' HKG għandu jkun li timplimenta programm għad-dekummissjonar tal-impjant tal-enerġija nukleari li jinsab f'Uentrop (id-distrett ta' Unna) fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, sal-istadju li jingħalaq b'mod sikur u, wara, li twettaq programm għas-sorveljanza tal-installazzjonijiet nukleari mdawrin biż-żona magħluqa.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil HKG.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Jannar 2023.

Għall-Kunsill  
Il-President  
P. KULLGREN